MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Numru. 462/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Darren Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Darren Vella ta’ 29 sena, imwieled Pieta` fis-27 ta’ Ottubru 1983, iben Joseph Raymond u Donna Maria nee` Hayes, residenti Shonberg, Triq Santa Margerita, Siggiewi jew 27, Triq iz-Zabbarija, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 542383M;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 ta’ Awwissu 2013 u matul l-ahhar tliet snin qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Biegh jew xort’ohra traffika l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

d) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2013, xehed l-Ispettur **Pierre Grech**[1]. Huwa qal illi fil-31 ta' Awwissu 2013, dahlet informazzjoni lill-Pulizija tal-Iskwadra Kontra d-Droga illi kien ser ikun hemm *party* gewwa residenza fil-limiti tas-Siggiewi u li

[1] A fol. 17 sa 22 tal-process.

kien hemm suspett illi kien ser ikun hemm id-droga. Il-Pulizija marru hdejn il-fond 27, Triq iz-Zabbarija, Siggiewi, fejn issorveljaw l-istess fond ghal xi hin u nnutaw xi nies dehlin. Ix-xhud qal illi huwa wkoll mar fuq il-post u wara xi hin iddecidew li jhabtu u jidhlu. Hemmhekk instabu sitt persuni – tliet nisa u tliet irgiel, fuq liema persuni saret tfittxija. Saret tfittxija wkoll gewwa din ir-residenza. Irrizulta illi wiehed mir-residenti tal-fond in kwistjoni kien l-imputat. Ix-xhud qal illi PC 760 u PC 364 wettqu tfittxija fil-kamra tal-imputat u fl-effetti tieghu, fejn instab xi ammont zghir ta' droga. Hawnhekk ix-xhud preciza illi kien hemm hames pakketti kontenenti sustanza suspettata kokaina. Pakkett minn dawn kien differenti mill-erbgha l-ohra li nstabu, fis-sens illi kien ippakkjat b'mod differenti. Huwa spjega illi erba' pakketti kienu ppakkjati bl-istess mod u kienu go borza ohra u pakkett iehor kien ippakkjat apparti. Dawn instabu flimkien, fl-istess post. Instab ukoll xi ammont ta' haxixa ossia grass tal-*cannabis.*

Ix-xhud spjega illi hekk kif dahlu fil-post, peress illi nstabet id-droga anke fuq xi persuni li kienu prezenti, il-Pulizija mill-ewwel taw is-solita twissija lil kull min kien prezenti u informawhom bl-arrest taghhom. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputat minn jeddu kien qal lill-Pulizija li kienu qed jaghmlu t-tfittixija, illi huwa kellu izjed droga u wriehom fejn din kienet tinsab u sabu pakketti ohrajn. Huwa qal illi ghalhekk l-imputat ikkopera bis-shih. Instabu wkoll mizien elettroniku, u *crusher* b'xi *cannabis* go fih.[2] Gie elevat ukoll *mobile phone* tal-marka Samsung minn fuq il-post, liema *mobile* kien tal-imputat.[3] Ix-xhud ipprezenta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, li kkopera anke f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.[4]

In kontro-ezami, l-Ispettur Grech ikkonferma illi l-imputat ikkopera kemm waqt it-tfittxija fir-residenza in kwistjoni, kif ukoll fl-istadju tal-investigazzjoni u kkonferma wkoll illi l-istess imputat kien indika wkoll il-fornitur tieghu. Ix-xhud ghalhekk qal illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-

---

[2] Id-droga, il-mizien u l-*crusher* imsemmija gew esebiti mix-xhud bhala Dok. PG.
[3] Dan il-*mobile* gie esebit bhala Dok. PG1.
[4] Din l-istqarrija giet esebita bhala Dok. PG 2 u tinsab a fol. 23 sa 28 tal-process.

Ligijiet ta' Malta.[5] Meta gie ssuggerit lilu illi r-rapport dahal minghand tfajla li ma riditx lill-imputat jitlaq minn Malta ghax kien ser jemigra, l-Ispettur Grech qal illi dan kien qalulu l-imputat waqt l-investigazzjoni. Huwa qal ukoll illi l-istess imputat kien ser jitlaq minn Malta nhar it-Tlieta, fil-waqt illi t-tfittxija saret bejn is-Sibt u l-Hadd. Irrizultalu wkoll illi f'dak il-lejl, kien qed isir *farewell party* ghall-imputat peress illi kien ser jitlaq minn Malta nhar it-Tlieta ta' wara.

Fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2013, gie verbalizzat da parti tad-difiza, illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil PC 1013 Raymond Debono, bhala xhud tal-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat. In oltre id-difiza ddikjarat ukoll illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' bhala xhieda lil PC 760 u lil PC 364 sabiex jixhdu dwar l-involviment taghhom fit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat u dan ghaliex id-difiza qablet illi l-imsemmija Pulizija kienu ser jikkonfermaw ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Grech. Fl-istess seduta, id-difiza ivverbalizzat ukoll illi kienet qeghda taqbel illi s-sustanzja misjuba hija fil-fatt kokaina u pjanta tal-*cannabis* u li ghalhekk ma kienx necessarju ghall-espert Godwin Sammut li janalizza l-istess sustanza.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-1 ta' Settembru 2013, u dan wara li nghatat lilu s-solita twissija u gie infurmat illi kellu d-dritt illi jitkellem ma' avukat, liema dritt huwa rrifjuta li jezercitah, huwa qal illi f'din l-ahhar sena, huwa kien qieghed jirrisjedi gewwa 27, Zabbarija Road, Siggiewi, fejn saret it-tfittxija fil-jum ta' qabel u li kien jghix hemmhekk ma' Antnic Tanti, il-proprjetarju tal-fond. Mistoqsi jekk jabbuzax minn xi droga u x'tip ta' droga juza, huwa qal li jabbuza mill-kokaina u jpejjep il-grass okkazzjonalment, izda m'ghandux il-vizzju tad-droga. Qal illi huwa ilu jabbuza mill-kokaina madwar tliet snin u ilu jpejjep il-grass minn meta kellu 22 sena.

Mistoqsi jekk fil-jum ta' qabel, tard filghaxija, meta marru l-Pulizija fid-dar fejn jirrisjedi gewwa s-Siggiewi, instabet id-droga, huwa wiegeb fl-affermattiv u kkonferma illi l-Pulizija kienu sabulu d-droga. Huwa qal illi l-Pulizija sabulu l-

[5] Din id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur giet ukoll verbalizzata fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2013.

kokaina fil-but tax-*shorts* meta dahlu gewwa d-dar. Huwa stess qalilhom illi kellu l-grass fil-basket tieghu li kien fil-kcina fuq *cupboard* wara l-bieb u l-grass f'basket iehor fil-kcina fuq il-mejda.

L-imputat gie muri borza tal-*plastic* b'rigi bojod, b'borza simili go fiha kontenenti l-kokaina (bil-kliem miktub fuqha "*Ejja niehdu buzz*") u borza tal-*plastic* b'erba' kantunieri tal-*plastic* kontenenti l-kokaina. Huwa kkonferma li dawn kienu l-istess boroz li sabulu l-Pulizija fil-but. L-imputat gie muri wkoll borza tal-*plastic* b'rigi bojod kontenenti bicciet tal-grass u dwar din qal illi din kienet fil-basket ta' wara l-bieb flimkien mal-*crusher*. Huwa qal illi din kienet tieghu.

Fir-rigward tal-flus kontanti li nstabu fil-basket tieghu, fis-somma ta' €3,100, huwa qal li dawn kien lestihom sabiex isarrafhom fi Sterlina Ingliza peress li kien se jsiefer. Huwa gibed €2,580 mill-kontijiet tieghu u l-kumplament kienu mfaddlin id-dar. Mistoqsi jekk kellux ircevuti jew *chit* tal-ATM, huwa qal illi ma kellux ghax ma jzommhomx.

L-imputat gie muri wkoll hames boroz kollha bl-istrixxi bojod, kontenenti xi grass, mizien elettroniku iswed u numru ta' boroz mhux uzati, wkoll bi strixxi bojod. Huwa kkonferma illi dawn l-oggetti instabu fil-basket tieghu li kien fuq il-mejda. Mistoqsi x'kien ser jaghmel b'dan il-grass, huwa qal illi "*jekk ma nsibx inbieghhom, inpejjiphom jien*"[6] u illi huwa jbiegh il-grass bil-prezz ta' €20.

Fir-rigward tal-kokaina li nstabitlu fix-*shorts*, huwa qal illi dik li kienet tinsab fil-borza fl-istrixxi bojod kienet intiza ghall-uzu tieghu. Fir-rigward tal-erbgha l-ohra, dawn kien hallihom ghandu l-habib tieghu, certu Fabian Scicluna, biex dan tal-ahhar ma joqghodx jigri bihom u kellu jghaddi ghalihom filghaxija. Din id-droga kienet ta' Scicluna u huwa zammhomlu ghandu biss ghax Scicluna talbu pjacir. L-imputat qal ukoll illi l-kokaina l-ohra u cioe` dik li kienet fil-borza

[6] A fol. 25 tal-process.

tal-istrixxi bojod gabha minghand l-istess Scicluna. Mistoqsi jekk huwa kienx qatt biegh il-kokaina, huwa qal illi qatt ma biegh din id-droga u qal illi biegh biss il-grass.

Dwar id-droga li nstabet fuq il-persuni l-ohrajn fir-residenza tieghu, u mistoqsi jekk id-droga li nstabet fuqhom kienx tahielhom hu, l-imputat wiegeb illi huwa kien ta wahda grass lil Natasha ghax kienet staqsietu jekk ghandux u ma zammilhiex flus taghha. Dwar il-kokaina huwa qal "*jiena kemm ghaddejtielhom ghax xtrawha minghand Fabian Scicluna. Kollha gbarna l-flus bejnietna*".[7] Huwa qal illi ma hax flus fil-jum ta' qabel ghad-droga.

Mistoqsi lil min kien solitament ibiegh grass, l-imputat qal illi huwa ma jbieghx biex jaqla' lira, izda biex ipejjep b'xejn. Qal ukoll "*Jiena aktar milli nbiegh, ingib lil hbieb*. *Dejjem tajt lil istess erba' minn nies*".[8] Mistoqsi kemm ibiegh il-grass ta' spiss, huwa qal li mhux wisq u cioe` "*ftit li ftit*"[9]. Qal illi fil-fatt ma kellux hafna u li jzomm borza kbira ghalih u [jbiegh] il-kumplament, li jifdal biss.

Muri ritratt ta' persuna maskili, huwa gharaf lil Fabian Scicluna. Huwa provda n-numru ta' dan Scicluna u rrefera ghall-messagg li huwa kien ircieva minghand Scicluna fuq il-*mobile* tieghu, fis-sens illi dan tal-ahhar qal lill-imputat sabiex ma jmissx l-erba' boroz kokaina li kellu d-dar, ghax kien ghadu ma hallasx ghalihom. Rega' qal illi din id-droga kienet ta' Scicluna u zammhielu sabiex jaghmillu pjacir.

Huwa indika wkoll il-persuna li kienet tfornih bil-grass, ossia certu Mark Vella mis-Siggiewi. Huwa qal illi jixtri bejn wiehed u iehor darba f'xahar minghandu u li jzommlu madwar €10 il-borza li tkun tizen xi gramma. B'kollox xtara madwar sitta jew seba' darbiet minghand Vella. L-imputat indika n-numru ta' dan Mark u gharfu fuq ir-ritratt li gie muri lilu u spjega li l-messaggi li ntbaghtu

---

[7] A fol. 25 tal-process.
[8] A fol. 25 tal-process.
[9] A fol. 25 tal-process.

bejnu u Mark kienu jirreferu ghall-grass u li huwa kien ser ihallsu tal-grass li tah Mark, fil-waqt li Mark kien ser jaghtih izjed. Qal ukoll illi kien lest li jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament.

Fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2013, gie esebit ukoll il-*proces verbal* redatt mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera u maghluq fil-5 ta' Settembru 2013 dwar sejba ta' drogi fil-pussess ta' Darren Vella gewwa Siggiewi nhar il-31 ta' Awwissu 2013.[10]

Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013, xehed **Dr. Martin Bajada**[11] li pprezenta r-relazzjoni tieghu[12]. In-numri rispettivi ta' Fabian Scicluna u Mark Vella imsemmija mill-imputat, jidhru fil-*phone book contents* fis-*Sim Card Report* li jifforma parti mill-istess relazzjoni.[13] Fl-istess relazzjoni, jidhru wkoll il-messaggi li jirreferi ghalihom l-imputat fl-istqarrija tieghu u cioe` il-messaggi li baghat lilu Fabian Scicluna u l-messaggi li ntbghatu bejnu u Mark Vella.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar in-natura tas-sustanzi misjuba fil-pussess tal-imputat, stante illi kif inghad izjed 'il fuq, id-difiza stess qablet u vverbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2013, illi l-istess sustanzi kienu fil-fatt droga kokaina u pjanta tal-*cannabis*.

Illi m'hemmx dubju illi minn dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta illi huwa forna jew ipprokura d-droga kokaina lil shabu dakinhar tal-*party* in kwistjoni u cioe` fil-31 ta' Awwissu 2013. F'dan ir-rigward, l-imputat qal illi "*jiena kemm ghaddejtielhom ghax xtrawha minghand Fabian Scicluna.*

---

[10] A fol. 31 sa 39 tal-process.
[11] A fol. 41 tal-process.
[12] Ir-relazzjoni tinsab esebita bhala Dok. MB, a fol. 42 et seq tal-process.
[13] A fol. 47 tal-process.

*Kollha gbarna l-flus bejnietna*".[14] Fl-istess stqarrija, huwa qal ukoll illi huwa kien jixtri l-kokaina ghall-uzu personali tieghu minghand l-istess Fabian Scicluna. Dan ghalhekk ifisser illi l-imputat ghadda d-droga kokaina lil shabu, liema droga kienet inxtrat minghand Scicluna da parti tal-istess imputat (li kien qieghed jixtri d-droga ghal shabu). Ghal din id-droga ingabru l-flus bejniethom.

L-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi "*Ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjoni grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear tal-Qorti]

Huwa car illi kien l-imputat li provda d-droga kokaina lil shabu, anke jekk tista' tghid illi ghamilha ta' intermedjarju bejnhom u bejn Scicluna u ghalhekk, anke jekk huwa ma rcieva l-ebda korrispettiv ghal dan, huwa traffika fid-droga kokaina fis-sens illi trid il-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) kontra l-imputat giet ippruvata mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Isegwi ghalhekk illi l-imputat huwa hati wkoll tal-imputazzjoni (c) ossia dik li tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina. In oltre, kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Ispettur Grech, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, l-imputat kellu fil-pussess tieghu hames boroz tal-*plastic* li kienu jikkontjenu d-droga kokaina. Skond l-istess imputat, fil-waqt illi wahda minn dawn il-boroz kienet intiza ghall-uzu personali tieghu, l-erbgha l-ohra kienu jappartjenu lil Fabian Scicluna, li kien talbu sabiex izommhomlu biex ma joqghodx jigri bihom, sakemm imbaghad jerga' jghaddihomlu lura. Kif inghad

[14] A fol. 25 tal-process.

izjed ‘il fuq, in sostenn ta’ dan, l-imputat irrefera wkoll ghall-messagg mibghut lilu minn Fabian Scicluna fuq il-*mobile* tieghu. Ghalhekk anke fir-rigward tad-droga kokaina li nstabet fil-pussess tieghu, jirrizulta car illi l-imputat huwa hati ta’ pussess aggravat ta’ din id-droga ai termini tal-imputazzjoni (c) u dan ghaliex huwa kien fil-pussess ta’ droga li ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), lanqas ma hemm dubju illi l-imputat fil-fatt biegh il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8 (e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat ammetta illi huwa jbiegh il-grass bil-prezz ta’ €20. Huwa qal ukoll illi ma kienx ibiegh sabiex jaqla’ l-flus, izda sabiex ipejjep b’xejn. Sussegwentement, qal illi izjed milli jbiegh, huwa kien jipprovdi l-istess droga lil shabu u li dejjem ta din id-droga lill-istess erbgha min-nies. L-imputat qal illi ma kienx ibiegh wisq u li kien ibiegh biss dak li kien jifdallu mid-droga li kien juza ghalih. In oltre l-imputat qal illi huwa kien ghadda l-grass lil certu Natasha, li kienet prezenti fir-residenza tieghu dakinhar tal-arrest tieghu, ghax staqsietu jekk kellux minnha, izda ma zammilhiex flus taghha. Ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu, jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-imputat huwa hati wkoll tal-imputazzjoni (b) kif dedotta kontra tieghu.

Isegwi ghalhekk illi l-imputat huwa hati wkoll tar-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (d) ossia dak ta’ pussess aggravat tal-pjanta *Cannabis*. U dan mhux biss ghaliex huwa traffika fl-istess droga, kif inghad fil-paragrafu precedenti, izda wkoll ghaliex kif qal huwa stess meta gie muri hames boroz kontenenti grass, mizien elettroniku u numru ta’ boroz mhux uzati, li nstabu fil-pussess tieghu, huwa kkonferma li dawn kienu tieghu u b’referenza ghad-droga, stqarr illi kemm il-darba ma kienx ser isib il-bejgh taghha, kien ser ipejjipha hu. Anke dawn ic-cirkustanzi, kif spjegati mill-istess imputat, jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ pussess aggravat ghaliex fil-fatt id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Anzi din id-droga kienet intiza sabiex tigi spaccata lil terzi u l-imputat kellu l-hsieb li jzommha biss ghall-uzu tieghu, kemm il-darba ma jsibx il-bejgh taghha.

Ghaldaqstant jirrizulta ppruvat sodisfacentement illi l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu. Fir-rigward taz-zmien indikat fic-citazzjoni odjerna, ossia *"fil-31 ta' Awwissu 2013 u matul l-ahhar tlitt snin qabel din id-data"*, irid jinghad illi fil-waqt illi fir-rigward tal-pjanta *cannabis*, il-bejgh taghha da parti tal-imputat kien ilu ghaddej ghal xi zmien, u ghalhekk jirrizulta car illi tali traffikar sehh mhux biss fil-31 ta' Awwissu 2013 izda anke fiz-zmien ta' qabel din id-data, mill-provi ma jirrizultax illi l-imputat forna jew ipprokura d-droga kokaina qabel il-31 ta' Awwissu 2013 u lanqas ma jirrizulta r-reat ta' pussess aggravat ta' din id-droga qabel din id-data. Ghalhekk fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c), qeghda tinstab htija biss fir-rigward tal-31 ta' Awwissu 2013.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi ghalkemm ma kienx hemm ammissjoni da parti tal-imputat f'dawn il-proceduri, madankollu, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat u anke mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess Ufficjal Prosekutur fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 fl-intier tieghu u dan billi naqqset il-piena ta' prigunerija applikabbli b'zewg gradi u l-piena pekunjarja b'nofs.

In oltre il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, li hija wahda netta.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll illi ghalkemm ma gewx imressqa provi dwar il-kwantita` u l-purita` tad-droga misjuba, l-imputat instab fil-pussess ta' borza li kienet tikkontjeni d-droga kokaina, liema droga kienet intiza ghalih

stess u borza ohra b'erba' kantunieri tal-*plastic* li wkoll kienu jikkontjenu l-kokaina u li kienu jappartjenu lil terzi. In oltre instabu fil-pussess tal-imputat borza bil-grass, intiza ghall-uzu tieghu, u hames boroz ohra, li wkoll kienu jikkontjenu l-grass u li kienu intizi ghall-ispacc.

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-provi mressqa, il-Qorti setghet issib htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c) b'referenza biss ghall-31 ta'Awwissu 2013 u mhux b'referenza wkoll ghat-tliet snin ta' qabel. Kif inghad izjed il'fuq, fir-rigward tal-pjanta *Cannabis* jidher illi l-imputat kien ilu jbiegh l-istess droga ghal xi zmien.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll illi r-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (c) serva bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (a) u ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti qeghda tapplika l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-istess raguni, l-istess disposizzjoni tal-ligi qeghda tigi applikata wkoll fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (d). In oltre, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b), il-Qorti qeghda tapplika wkoll l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e), it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(b), 17(f), 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, b'dan illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c) qed issib htija biss fir-rigward tal-31 ta' Awwissu 2013, u tikkundannah ghal piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)**, li ghandhom jithallsu immedjatament.

Il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez

konnessi mar-relazzjoni esebita minn Dr. Martin Bajada, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien tliet xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument PG, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------